# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-11 ta' Marzu 2019

## Talba Numru 434/2018SFJ

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Herbert Zammit Cordina (194787M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-31 ta' Awwissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elf u mitejn u tlett Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€1,203.73) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40150038, liema ammont baqa' ma tħallasx minkejja interpellazzjonijiet sabiex il-konvenut iħallas, bl-ispejjeż u bid-drittijiet, inklużi dawk konnessi mal-ittra uffiċjali bir-referenza 1879/17 u bl-imgħaxijiet skont il-liġi.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba, li tikkonsisti fis-segwenti:

i. Dokument "A" li huwa l-prospett u *statement* li jindika dan il-bilanċ dovut ta' elf u mitejn u tlett Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€1,203.73) indikat fl-Avviż tat-Talba;
ii. Dokument "B" li huwa l-*GO Service/Bundle Agreement Order Form;*
iii. Dokument "Ċ" li hija l-ittra uffiċjali numru 1879/17, fejn il-konvenut ġie interpellat sabiex iħallas u li ġiet innotifikat bl-istess ittra fit-23 ta' Awwissu 2017; u

iv. Dokument "D" li huwa estratt mir-Reġistru Elettorali li jindika li l-indirizz tal-konvenut huwa l-istess indirizz fejn ġie innotifikat bl-ittra uffiċjali u wkoll l-istess indirizz fejn ġie installat is-servizz skont dokument "B".

Ra li l-konvenut debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ baqa' ma ppreżenta ebda risposta u lanqas dejer sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fis-seduta tal-20 ta' Frar 2019, Paul Gatt, għan-nom tas-soċjetà attriċi, iddikjara taħt ġurament li s-somma indikata fl-Avviż tat-Talba għadha dovuta u ċioe li l-konvenut għadu debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma mitluba u għar-raġunijiet indikati f'din il-kawża.

Jidhirlu għalhekk li din it-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta suffiċjentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u mitejn u tlett Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€1,203.73) bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk konnessi mal-ittra uffiċjali bir-referenza 1879/17 u bl-imgħax legali li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**